



Brussell, 30 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

9251/20

FIN 419
FSTR 122
REGIO 160
CULT 33

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8838/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Investimenti tal-UE f'siti kulturali: suġġett li jistħoqqlu aktar fokus u koordinazzjoni" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (29 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 08/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Investimenti tal-UE f'siti kulturali: suġġett li jistħoqqlu aktar fokus u koordinazzjoni", approvat permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Ġunju 2020.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:
Investimenti tal-UE f'siti kulturali: suġġett li jistħoqqlu aktar fokus u koordinazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 8/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport.
- (2) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti deskritt fir-Rapport eżamina diversi fondi u strumenti tal-Unjoni investiti fil-kultura, filwaqt li ffoka fuq l-effettività u s-sostenibbiltà tal-investimenti tal-UE f'siti kulturali, iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u kopra l-perijodi ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020, kif ukoll l-abbozz ta' tfassil tal-perijodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2020.
- (3) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
 - Il-qafas strateġiku għall-azzjoni tal-UE fil-kultura huwa kumpless u rifless parzjalment fil-finanzjament li jingħata mill-UE;
 - Il-Kummissjoni żviluppat bosta inizjattivi li jistgħu jippromwovu siti kulturali, iżda l-koordinazzjoni mal-arranġamenti ta' finanzjament tal-UE għadu limitat;
 - Il-FEŻR huwa strument ta' strutturar importanti għall-investimenti ta' xi Stati Membri f'siti kulturali għalkemm dawn l-investimenti mhumiex trattati bħala prijorità għall-FEŻR, li l-oġettiv ewlieni tiegħu huwa li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
 - L-investimenti tal-FEŻR f'siti kulturali ffukaw l-aktar fuq oġettivi ekonomiċi, u sa ċertu punt fuq dawk soċjali u kulturali;

- Għandha tingħata aktar attenzjoni għas-sostenibbiltà tas-siti kulturali peress li jeħtieġ li s-sostenibbiltà tiġi żgurata fil-fażijiet kollha tal-proġett.
- (4) JINNOTA li l-uniku fond tal-UE mfassal biss għall-kultura - il-programm Ewropa Kreattiva, huwa limitat f'termini ta' finanzjament, filwaqt li l-appoġġ għall-kultura f'fondi oħra tal-UE għandu l-għan prinċipali li jinkisbu prijoritajiet u objettivi oħra tal-UE, bħall-iżvilupp urban u reġjonali, l-intrapriżi u t-turiżmu.
- (5) JENFASIZZA li l-FEŻR huwa s-sors ta' finanzjament tal-UE l-aktar sinifikanti għal investimenti f'siti kulturali għalkemm l-infiq fuq il-kultura jirrappreżenta parti żgħira mill-baġit globali tal-FEŻR.
- (6) JIRRIKONOXXI l-hteġa li jiġu promossi prinċipji ta' kwalità fi proġetti relatati mal-kultura;
- (7) IQIS ir-Rapport bħala kontribut utli għar-riflessjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri dwar kif tista' tittejjeb aktar il-ħidma tagħhom fuq l-investimenti tal-UE f'siti kulturali.
- (8) JIKKONDIVIDI b'mod ġenerali l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- Il-qafas strateġiku attwali għall-kultura, inkluż l-objettivi strateġiċi u operazzjonali, għandu jittejjeb;
 - F'koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tesplora l-użu kemm tal-finanzjament pubbliku kif ukoll dak privat għas-salvagwardja tas-siti ta' wirt Ewropej;
 - Is-sostenibbiltà tas-siti kulturali ffinanzjati minn diversi fondi u strumenti tal-Unjoni għandha tiġi promossa;
 - Azzjonijiet aktar speċifiċi għall-preservazzjoni ta' siti ta' wirt għandhom jittieħdu meta jkunu qed jiġu nneozjati l-programmi operazzjonali rilevanti.